**3 ta' Mejju, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Anton Depasquale B.A., LL.D.**

Emanuel Cini

*versus*

Direttur ta' l-Avvjazzjoni Ċivili

## Dipartiment tal-Gvern - Proċeduri Ġudizzjarji - Nullità

*Id-Direttur ta' l-Avvjazzjoni Ċivili huwa persuna li għandha karika pubblika, u għalhekk ma tistax tiġi preżentata ċitazzjoni kontra tiegħu fil-kwalità uffiċjali tiegħu jekk qabel din iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet preżentata ittra uffiċjali jew protest kif jitlob l-artikolu 460 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni illi bih l-attur, wara illi ppremetta illi l-konvenut kera lill-attur il-*canteen* tad-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Ċivili għal perijodu ta' sena b'effett mill-1 ta'

Frar 1988 sal-31 ta' Jannar 1989 u dan versu l-kera ta' sitt mitt lira (Lm600) jitħallsu f'erba' rati trimestralment, li din kellha tkun l-unika *canteen* fid-Dipartiment u kellha tikkejterja għal *circa* mitejn u ħamsin (250) persuna; illi wara li beda jopera l-*canteen*, l-attur intebaħ li fl-istess Dipartiment kienu qed joperaw żewġ *canteens* mhux uffiċjali; li minkejja l-protesti ta' l-attur, il-konvenut l-ewwel ċaħad u wara qal li rrimedja *però* fir-rejaltà dawn il-*canteens* baqgħu joperaw u l-konvenut naqas li jżommhom b'mod effettiv; li b'konsegwenza l-attur sofra danni konsistenti b'telf ta' qligħ minħabba nuqqas ta' bejgħ tant li l-attur ma setax jibqa' jopera l-*canteen;* talab għaliex din il-Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet fuq permessi: (1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur konsistenti f'telf ta' qliegħ kaġonat minn nuqqas ta' kontroll ta' bejgħ mhux uffiċjali u b'konkorrenza mal-*canteen* tal-attur, fil-*premises* tad-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Ċivili; (2) tillikwida l-istess danni okkorendo bl-operat ta' periti nominandi; (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta *in linea* ta' danni;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa' inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut illi biha eċċepixxa:

Illi ċ-ċitazzjoni hija nulla *stante* li ma ġietx preċeduta minn ittra uffiċjali a tenur ta' l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti l-azzjoni ta' l-attur hija intempestiva *stante* li qegħda tiġi eżerċitata mingħajr ma sar il-ħlas lill-esponent neċessarju biex tkun tista' tibda l-kawża għad-danni a tenur ta' l-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ta' qabel, it-talbiet ta' l-attur m'għandhom jiġu miċħuda billi m'għandhom l-ebda fundament fattwali jew ġuridiku in kwantu fl-ebda mument l-eċċipjent ma ħalla li joperaw *canteens* mhux uffiċjali fid-Dipartiment ta' l-Avvjazzjoni Ċivili u qatt ma qal li kien irrimedja xi sitwazzjoni li ma kenitx skond il-kuntratt;

Salv u impreġudikat kwalunkwe eċċezzjoni ulterjuri f'każ bi bżonn;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Eżaminat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżebiti;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut:

Illi din l-eċċezzjoni hija bażata fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 illi l-ewwel subartikolu tiegħu jaqra hekk:

''Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, ebda att ġudizzjarju li bih jibdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbnew u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub kontra l-Gvern

jew kontra xi awtorità imwaqqfa mill-Konstituzzjoni barra mill-kummissjoni elettorali jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi imfissra f'mod ċar, u r-reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi xi att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jiġi ippreżentat fir-reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu."

Illi ma hemmx dubju illi l-konvenut Direttur ta' l-Avvjazzjoni Ċivili huwa persuna illi għandha kariga pubblika u illi f'din il-kawża huwa ġie ċitat f'din il-kwalità uffiċjali tiegħu;

Illi ma jirriżultax pruvat illi l-att taċ-ċitazzjoni odjern ġie preċedut minn xi ittra uffiċjali jew protest kif rikjest miċ-ċitat artikolu 460 (1) Kapitolu 12; huwa sinjifikattiv f'dan ir-rigward illi fit-talba dwar l-ispejjeż tal-kawża l-attur ma huwa qed jitlob il-ħlas ta' l-ispejjeż ta' ebda ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju;

Illi għall-kas in eżami mhux applikabbli is-subartikolu tnejn (2) ta' imsemmi artikolu 460, Kapitolu 12;

Illi għalhekk, l-att taċ-ċitazzjoni odjern huwa irritu u null;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut billi tiddikjara illi l-att taċ-ċitazzjoni huwa irritu u null u konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.